MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tas-17 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 50/2011

**Lawrence Axiak**

**Vs**

**Joseph Axiak u b'digriet tat-22 ta' Lulju 2011 Joseph Axiak gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefer Emanuel Axiak; Maria Assunta sive Sonia Borg u Rita Galea.**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' l-imsemmi Lawrence Axiak li jikkonferma.

1. Illi permezz ta' konvenju li sar fit-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) gie miftiehem illi l-attur kellu jixtri minghand Josephine Axiaq kull sehem lilha spettanti liema sehem ma' huwiex anqas min-nofs indiviz mill-fond 155, Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex kif ukoll tas-sehem kollu lilha Josephine Axiaq spettanti liema sehem ma' huwiex anqas min-nofs indiviz mill-fond remissa ossia' garage b'art mieghu annessi li sservi ta' garage ghall- istess dar fi Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex b'kamra mieghu konfinanti in parti ma' Triq il-Knisja u in parti ma' beni tal-familja Axiaq, majjistral ma' beni ta' Maria Assunta Axiaq, grigal in parti ma' passagg u in parti ma' beni ta' Louise Grech kif ahjar deskritti konvenju li qed jigi hawn anness u mmarkat Dokument A.

2. Illi dan il-bejgh kellu jsir versu l-prezz u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess konvenju.

3. Illi dan il-konvenju kien validu ghall-hames (5) snin dekorribbli mid-data tieghu u cioe' kien validu sat-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011).

4. Illi l-venditrici Josephine Axiaq mietet fis-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) u wirtuha l-konvenuti.

5. Illi l-attur interpella lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-att relattiv ta' kompravendita tal-beni fuq imsemmija.

6. Illi l-konvenuti Maria Assunta sive' Sonia Borg u Rita Galea kienu dejjem disposti illi jersqu ghall-att finali tat-trasferiment relattiv, izda dan il-kuntratt ma setax isir ghaliex dan jirrikjedi l-firma ta' l-eredi kollha.

7. Illi min-naha l-ohra, il-konvenut Joseph Axiaq li kellu wkoll prokura tal-konvenut l-iehor Emanuel Axiaq ma kienx dispost jersaq ghal dan il-kuntratt tant illi permezz ta' ittra ta' l-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) huwa ddikjara illi ma kienx dispost jiffirma l-att ta' trasferiment relattiv.

8. Illi l-attur irid illi din il-promessa ta' kompravendita tigi attwata billi jsir l-att finali ta' trasferiment skont il-ligi.

9. Illi dan il-konvenju gie debitament registrat mal-kummisarju tat-taxxa nterni skont il-ligi, liema registrazzjoni ggib in-numru PS 200604775.

10. Illi dan ir-rikors qed jigi kkonfermat bil-gurament mill-attur li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi bhala eredi ta' Josephine Axiaq il-konvenuti huma tenuti jersqu fuq l-att finali relattiv ta' kompravendita ta' kull sehem spettanti lill-istess Josephine Axiaq mill-fond mija u hamsa u hamsin (155), Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex kif ukoll tas-sehem kollu lilha Josephine Axiaq spettanti mill-fond remissa ossia' garage b'art mieghu annessi li sservi ta' garage ghall-istess dar fi Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex b'kamra mieghu konfinanti in parti ma' Triq il-Knisja u in parti ma' beni tal-familja Axiaq, majjistral ma' beni ta' Maria Assunta Axiaq, grigal in parti ma' passagg u in parti ma' beni ta' Louise Grech kif ahjar deskritti konvenju anness u mmarkat Dokument A.

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jersqu fuq l-att pubbliku ta' trasferiment relattiv ta' dawn l-istabbli.

3. Tiffissa data, hin u lok li fih ghandu jigi ppubblikat l-att ta' trasferiment illi qed jigi mitlub li ghandu jsir a kura tan-nutar Dottor Christian Zammit illi huwa n-nutar inkarigat mill-attur li ghandu d-dritt ta' l-ghazla tan-nutar.

4. Tinnomina kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq dan l-att.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) li permezz taghha l-konvenuti gew imsejha sabiex jersqu ghall-iffirmar tal-kuntratt relattiv kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Mejju elfejn u hdax (2011) li permezz taghha l-konvenuti gew msejha sabiex jersqu ghall-iffirmar tal-kuntratt relattiv kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Mejju elfejn u hdax (2011). Bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Joseph Axiak f'ismu proprju u bhala kuratur ta' l-assenti Emanuel Xuereb li jiddikjara u jikkonferma:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi Guzeppa Axiak (ID49025G), omm il-kontendenti kienet affettata minn stroke debilitanti tant illi ma kinitx kapaci u ma kinitx tinsab fil-pjeni poteri mentali taghha skont il-Ligi li tiffirma kwalsiasi att civili u/jew xi testment peress illi kienet dementi u kienet affettata b'marda f'mohha u/jew subordinatament kienet ta' mohh u ta' volonta tant debboli, li kienet strument f'idejn l-attur u ghalhekk skont il-Ligi, partikolarment l-Artikolu 968, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jistax dan il-konvenju jkun jorbot in konfront tal-konvenuti stante illi huwa null u bla effett guridiku.

2. Illi effettivament il-konvenuti f'kawza ohra prezentata minnhom, Rikors Guramentat Nru 39/10JD fl-ismijiet Joseph Axiaq pro et noe vs Lawrence Axiak et, differita ghall-14 ta' Ottubru, 2011, ghat-trattazzjoni finali, intavolaw Rikors Guramentat fejn allegaw illi ommhom Guzeppa Axiak kienet marida b'mohhha wara li kellha stroke u kienet ta' mohh u ta' volonta tant debboli, li kienet strument f'idejn haddiehor u ghalhekk it-testmenti li hija ghamlet fis-6 ta' Dicembru, 2006, fl-atti tan-Nutar Dr

Kristen Dimech, 9 ta' Jannar, 2009, fl-atti tan-Nutar Dr. Kristen Dimech u t-testment sigriet ta' l-4 ta' Dicembru, 2007, li gie miftuh mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ta' Gurisdizzjoni Volontarja tad-9 ta' Dicembru, 2009, fl-atti tan-Nutar Christian Zammit, kienu nulli u bla effett fil-Ligi.

3. Illi rrizulta minn dik il-kawza illi Guzeppa Axiak kien ta stroke ghall-habta ta' l-ahhar 2002 u li bdiet tiddeterjora ftit ftit, iktar ma ghadda zmien, tant illi uliedha Maria u Sunta ahwa Axiak, xebbiet li kienu jghixu maghha, ma kienux jafdawha iktar u kien joqghodu maghha darba kull wiehed li ma tmurx tinharaq jew tinstamat u dan kif ikkonfermat Sunta Axiak, b'ittra li baghtet lil Emanuel Axiak ta' l-1 ta' Dicembru 2002.

4. Illi minkejja illi kienu haduha ghand *speech therapist* u dan kien kollu ghalxejn u ghalhekk mill-bidu li Guseppa Axiak harget mill-isptar, dejjem kellha problema biex tikkomunika li iktar ddeterjoraw biz-zmien, kif jigi kkonfermat mit-tabib kuranti taghha Xuereb Curmi.

5. Illi wara l-istroke, Guseppa Axiak ma baqghetx tikteb lil binha Emanuel Axiak, stante illi ma kienx hemm koordinament bejn mohhha u l-ktiba tant illi ma setghetx tesprimi ruhha imma thares cass u ma kienetx tista' tikkomunika ma' uliedha, la kapaci tilbes lilha nnifisha u lanqas taghmel il-bzonnijiet taghha minghajr ghajnuna, kellha bzonn min jitmaghha u ma kienitx kapaci tohrog wahedha.

6. Illi jirrizulta wkoll illi c-certifikati illi ngabru minghand il-Prof. Abraham Galea kienu fazulli u ta' ebda validita' stante illi jirrizulta illi l-istess professur hareg certifikati minghajr ma ezamina lill-imsemmija Guseppa Axiak u anki wiehed meta kienet mejta! Jirrizulta illi fil-31 ta' Dicembru, 2004 meta suppost Lawrence Axiak kien ha lil ommu Guseppa Axiak ghand l-istess professur sabiex tkun tista' tiddona lil binha appartament gewwa Marsalforn, id-domandi li saru mit-tabib psikjatra kienu jirrigwardaw xi testment fejn riedet thalli lil uliedha kollha ndaqs.

7. Illi ghalhekk jehtieg illi qabel ma tigi deciza din il-kawza, din il-Qorti tissopprasjedi qabel ma jigi deciz ir-Rikors Guramentat Nru: 39/10(JD) fl-ismijiet Joseph Axiak vs Lawrence Axiak li huwa differit ghat-trattazzjoni finali ghas-seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2011, quddiem din il-Qorti kif preseduta ghax skont id-decizjoni ta' din il-kawza jirrizulta jekk o meno Guzeppa Axiak kinitx kapaci biex tiffirma l-konvenju odjern.

8. Illi jekk jirrizulta illi t-testmenti maghmula minn Guseppa Axiak kif fuq imsemmi hija ma kinitx kapaci biex taghmilhom, hekk ukoll hija ma kinitx tkun kapaci biex tiffirma l-konvenju odjern li l-attur qed jitlob l-esekuzzjoni tieghu.

9. Illi l-konvenuti jinsistu illi ommhom ma kinitx kapaci tiffirma l-konvenju odjern u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ommhom ma kinitx tinsab fil-pieni poteri mentali taghha skont il-Ligi meta ffirmat dak l-istess konvenju, peress illi kienet affettata minn stroke u ghalhekk meta sar dak il-konvenju, kienet marida b'mohhha u/jew subordinatament kienet ta' mohh u ta' volonta tant debboli li kienet strument f'idejn Lawrence Axiak u ghalhekk il-konvenju ffirmat huwa null u bla effett fil-Ligi.

10. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta guramentata ta' Maria assunta sive Sonia Borg u Rita Galea li biha kkonfermat:

1. Illi fl-ewwel lok Rita Galea qeghdha taghti ruhha notifikata bir-rikors guramentat.

2. Illi fit-tieni lok l-esponenti qatt ma kellhom oggezzjoni li jigi pubblikat dan il-kuntratt ghar-rigward il-proprjeta' indikata fl-imsemmi konvenju u difatti attendew ghand in-Nutar Christian Zammit fid-data li kienet giet indikata lilhom sabiex jigi pubblikat dan il-kuntratt sewwa sew kif ikkonferma l-istess rikorrent f'paragrafu sitta (6) tar-rikors guramentat u ghalhekk ma ghandhomx ibatu spejjez tal-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

4. B'rwferenza ghall kull paragrafu tar-rikors guramentat, imbaghad, l-esponenti ghandhom is-segwenti x'jirrilevaw:

    a) Illi ghar-rigward mill-ewwel sas-sitt paragrafi, dawn m'humiex kontestati;

    b) Illi ghar-rigward il-paragrafi l-ohra l-esponenti mhux fil-posizzjoni li jikkonfermaw dak li hemm kontenut.

Rat illi fil-verbal tal-14 ta' Ottubru, 2011 fejn din il-Qorti diversament preseduta laqghet it-talba tal-konvenut Joseph Axiak pro et noe kontenuta fis-seba' eccezzjoni tieghu ghas-soprasessjoni tal-kawza pendenti decizjoni fil-kawza bin-numru 39/2010(JD) fl-ismijiet "Joseph Axiak pro et noe vs. Lawrence Axiak et".

Rat illi fil-verbal tal-25 ta' Ottubru, 2012 wara li l-kawza bin-numru 39/2010JD kienet giet deciza fit-22 ta' Gunju, 2012 u saret *res judicata* l-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawza wara li laqghet it-talba sabiex jigu allegati l-atti tal-kawza fl-ismijiet Joseph Axiak et vs Lawrence Axiak et (39/2010 JD);

Rat l-atti kollha tal-kawza bin-numru 38/2010 JD kif ukoll id-decizjoni fl-istess;

Rat id-digiret ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 22 ta' Frar 2013 fejn giet michuda t-talba ghar-rikuza tal-Qorti kif kienet preseduta bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti Joseph Axiak pro et nomine.

Rat in-nota tal-konvenut Joseph Axiak a fol 62 tal-process li permezz taghha huwa ddikjara 'illi huwa ser jibqa' jsostni l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' kapacita' tal-mejta Giuseppa Axiak li tiffirma l-konvenju in kwistjoni.'

Rat li l-konvenut Joseph Axiak gie awtorizzat jipprezenta eccezzjoni ulterjuri permezz ta' digriet datat 11 ta' Ottubru, 2013 fejn l-ispejjez tal-istess gew riservati ghall-gudizzju finali.

Rat illi din l-eccezzjoni giet prezentata fit-20 ta' Ottubru, 2013 u taqra kif isegwi:

'(1) Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenju mertu tal-kawza odjerna huwa null peress li parti mill-oggett tieghu ma jistax jinbiegh lill-attur stante illi r-remissa fi Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex inghata b'donazzjoni lil Maria Axiak b'kuntratt tal-15 ta' April 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Mariosa Grech li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument MG1 u ghalhekk, gialadarba l-prezz indikat fil-konvenju huwa wiehed komplessiv ta' Lm50,000 u mhux spezzettat, ma jista' qatt jigi esegwit anke kieku mhuwiex null minhabba l-inkapacita' tal-mejta Josephine Axiak.'

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif preseduta datat 5 ta' Settembru 2014 fejn giet michuda t-talba tal-konvenuti Joseph Axiak u Emanuel Axiak li talbu li l-Qorti tissospendi s-smiegh tal-kawza ghall-bqija tal-ghaxar snin mill-mewt t'ommhom sakemm huma jiddeliberaw jekk ghandhomx jaccettaw l-eredita' o meno ta' ommhom Guzeppa Axiak bl-ispejjez kontra l-konvenuti Joseph Axiak u Emanuel Axiak.

Rat in-nota ta' Joseph Axiak u Emanuel Axiak datata 16 ta' Dicembru, 2014 a fol. 114 tal-process li taqra kif isegwi:

'Li biha qed jipprezenta n-nota li giet prezentata fil-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) fejn huma rrinunzjaw ghall-eredita' tal-mejta ommhom Giuseppa Axiak li mietet fis-16 ta' April 2009 waqt li rriservaw kull dritt spettanti lilhom ghas-sehem riservat skont il-ligi fuq l-istess eredita' tal-mejta Giuseppa Axiak.

Illi ghalhekk huma mhumiex il-legittimi kontradditturi f'din il-kawza u ghalhekk ghandhom jigu estromessi minn din il-kawza gialadarba huma mhumiex eredi tal-mejta Giuseppa

Axiak u ma jistghux jesegwixxu l-obbligi li talvolta dahlet fihom mhux minn rajha stante li huma mhumiex l-eredi taghha.

Rat illi fil-verbal tad-29 ta' Jannar, 2015 giet prezentata u moqrija nota tal-attur Lawrence Axiak datata 29 ta' Jannar, 2015 li permezz taghha ceda l-kawza u zamm ferm il-kap tal-ispejjez.

Rat illi fl-istess verbal il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez ghal-lum.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet prezentati fl-atti.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li gie cedut l-mertu kollu ta' din il-kawza, din il-Qorti hija mitluba biss taghti decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez izda dan xorta wahda jirrikjedi li l-Qorti tiehu konjizzjoni tal-atti kollha fil-process.

<u>Fatti</u>

Illi l-fatti li wasslu ghal din il-kawza huma s-segwenti:

Illi l-attur u l-konvenuti huma lkoll ahwa ulied Giuseppa Axiak li giet nieqsa fis-16 ta' April, 2009;

Illi permezz ta' konvenju li sar fit-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) gie miftiehem illi l-attur kellu jixtri minghand l-istess Giuseppa Axiak kull sehem lilha spettanti liema sehem m'huwiex anqas min-nofs indiviz mil-fond 155, Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex kif ukoll tas-sehem kollu ta' Josephine Axiaq lilha spettanti liema sehem m'huwiex anqas min-nofs indiviz mill-fond remissa ossia' garage b'art mieghu annessi li sservi ta' garage ghall-istess dar fi Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex b'kamra mieghu u dan versu l-prezz u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess konvenju (esebit a fol. 5 tal-process).

Illi dan il-konvenju ma kellux terminu ta′ validita′ msemmi fih u ghalhekk ai termini tal-ligi kien validu ghall-hames (5) snin dekorribbli mid-data tieghu u cioe′ kien validu sat-tlieta (3) ta′ Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011). Il-venditrici Giuseppa Axiak mietet fis-sittax (16) ta′ April tas-sena elfejn u disgha (2009) u f′dak il-mument wirtuha l-konvenuti kollha.

L-attur ipprezenta fl-atti ittri nterpellatorji fil-konfront tal-konvenuti sabiex jersqu ghall-att relattiv ta′ kompravendita tal-beni fuq imsemmija kif ukoll risposta ghall-istess ittri ghan-nom tal-konvenuti Joseph u Emanuel Axiak. L-ittra ufficcjali giet prezentata fir-registru tal-Qorti gurnata qabel it-terminu tal-konvenju filwaqt li l-kawza giet prezentata fit-28 ta′ Gunju 2011 cioe′ fiz-zmien massimu ta′ xahar oltre t-terminu ta′ validita′ moghti lill-attur fil-ligi ghall-prezentata tal-istess.

Jirrizulta li fis-7 ta′ Mejju, 2010, il-konvenuti wara l-mewt ta′ ommhom Giuseppa Axiak ipprezentaw kawza kontra l-attur u l-konvenuti l-ohra sabiex jigi dikjarat li ommhom ma kinitx kapaci sabiex taghmel it-testmenti tas-6 ta′ Dicembru 2006, tad-9 ta′ Jannar 2009 u l-4 ta′ Dicembru 2007 u ghalhekk talbu li dawn jigu dikjarati nulli u bla effett fil-ligi. Din il-kawza giet deciza fil-mori tal-kawza odjerna nhar it-22 ta′ Gunju, 2012 billi gew michuda t-talbiet attrici.

Fil-mori tal-kawza odjerna l-konvenuti Joseph u Emanuel Axiak permezz ta′ nota fl-atti tal-Qorti Civili Sezzjoni Volontarja datata 18 ta′ Novembru 2014 rrinunzjaw b′mod kwalifikat ghall-eredita′ ta′ ommhom Giuseppa Axiak b′riserva ghal kull dritt ghas-sehem riservat spettati lilhom skont il-ligi.

Mertu

Illi fl-atti ta′ din il-kawza ghalkemm din infethet lura fis-sena 2011 ma lahqu tressqu l-ebda provi sal-mument li din giet ceduta mill-attur fid-29 ta′ Jannar, 2015 konsegwenza tar-rinunzja ghall-eredita mill-konvenuti Joseph u Emanuel Axiak. Nonostante dan izda l-process huwa wiehed pjuttost voluminuz partikolarment minhabba d-diversi rikorsi u talbiet intavolati mill-konvenuti Joseph u Emanuel Axiak fil-mori tal-kawza. Apparti minn hekk il-kawza damet diversi xhur tistenna l-ezitu tal-kawza l-ohra bin-numru 39/2010 li fiha din il-Qorti diversament preseduta ddecidiet li omm il-partijiet ma kinitx marida b′mohhha u lanqas kienet ta′ mohh u ta′ volonta′ tant debboli li kienet strument f′idejn haddiehor b′dana li t-talbiet ta′ Joseph Axiak u Emanuel Axiak gew michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Illi fl-atti ta' din il-kawza effettivament l-ispejjez li jridu jigu decizi jeskludu d-digriet tat-22 ta' Frar 2013 li gia gie deciz bl-ispejjez kontra l-konvenuti Joseph Axiak u Emanuel Axiak u l-istess jinghad ghad-digriet tal-5 ta' Settembru, 2014. L-ispejjez tad-digriet datat 11 ta' Ottubru 2013 li awtorizza l-prezentata ta' eccezzjoni ulterjuri da parti ta' Joseph u Emanuel Axiak thallew ghall-gudizzju finali.

Illi mill-atti huwa evidenti ghal din il-Qorti li l-konvenuti Joseph u Emanuel Axiak kienu qed jaghmlu minn kollox sabiex itawlu l-proceduri kemm jifilhu u dan billi qajmu kull eccezzjoni mmaginabbli u pprezentaw numru konsiderevoli ta' rikorsi dejjem bl-ghan li jtawlu. Bosta mill-argumenti mqajjma fir-rikorsi tal-konvenut Joseph u Emanuel Axiak setghu facilment tqajjmu minnhom fil-mument li gew notifikati bil-kawza odjerna izda huma ghazlu li dan ma jghamluhx. Lanqas jista' jinghad li meta nqatghet il-kawza l-ohra bin-numru 39/2010 huma gabru l-lanjanzi kollha taghhom u gabruhom almenu f'rikors wiehed ghax mill-atti jirrizulta li xorta wahda wara tali decizjoni baqghu sahansitra jinsistu fuq l-eccezzjoni tal-inkapacita mentali ta' ommhom (meta fl-istess seba' eccezzjonijiet taghhom huma ddikjaraw li f'dik il-kawza kien ser jigi deciz jekk ommhom kinitx kapaci tiffirma fil-konvenju in kwistjoni jew le *ara l-eccezzjoni numru 7 tal-process*), saret talba sabiex issir eccezzjoni ulterjuri dwar il-garaxx involut f'din il-kawza nonostante li huma kienu jafu ben tajjeb bil-kuntratt tas-sena 2008 anki fil-mument li gew notifikati bil-kawza u sahansitra din il-Qorti ntalbet li twaqqaf il-proceduri kollha sakemm il-konvenuti Joseph u Emanuel Axiak, kumdita' taghhom, jiddeciedu jekk jaccettawx o meno l-eredita' ta' ommhom.

Illi l-konvenuti Joseph u Emanuel Axiak, rinfaccati bl-ittra ufficcjali nterpellatorja jew almenu b'din l-kawza lura fis-sena 2011 setghu facilment f'dak il-mument jirrinunzjaw ghall-eredita' ta' ommhom u b'hekk jippruvaw jevitaw l-ispejjez tal-istess kawza izda dan ma ghamluhx. Anzi mil-linja difensjonali taghhom fir-risposta taghhom kif ukoll fl-atti sussegwenti prezentati minnhom fl-atti ta' din il-kawza xejn ma kien hemm li seta' jaghti x'jifhem li huma kellhom l-icken hsieb li jirrinunzjaw ghall-eredita ta' ommhom. Sahansitra fin-nota tas-16 ta' Dicembru 2014 esebita a fol. 114 li permezz taghha huma nfurmaw lill-Qorti li rrinzunjaw ghall-eredita' baqghu jinsistu fuq il-lanjanza taghhom illi skont huma l-obbligi li dahlet fihom ommhom ma kienux minn rajha. Dan kollu aktar juri atti da parti tal-konvenuti Axiak bhala eredi tal-ommm u mhux bil-kontra.

Illi fi kwalunkwe kaz l-artikolu 860 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car fejn jghid illi:

'(3) Id-dikjarazzjoni tar-rinunzja msemmija f'dan l-artikolu m'ghandhiex ikollha effett kwantu ghall-partijiet terzi hlief miz-zmien meta din tigi rregistrata fir-Registru Pubbliku skont id-disposizzjonijiet tal-atikolu 330 (2)'.

Ghalhekk ir-rinunzja ghall-eredita' registrata fit-13 ta' Novembru 2014 ma tistax isservi sabiex tezonera lill-konvenuti Joseph u Emanuel Axiak mill-obbligu li jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez ta' din il-kawza li kellha bilfors issir fis-sena 2011 jekk jigi hekk dikjarat.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti tqis li l-attur rinfaccjat bit-terminu tal-perjodu tal-validita' tal-konvenju ma kellux triq ohra ghajr li jipprezenta l-ittra ufficcjali fil-konfront tal-eredi u konsegwentement kif timponi fuqu l-ligi, f'kaz li l-kuntratt jibqa' ma jsirx allura jipprezenta l-kawza fit-terminu mpost fuqu mil-ligi. F'dan il-kaz irrizulta li l-kuntratt ma sarx unikament ghax naqsu milli jkunu prezenti l-konvenuti Joseph u Emanuel Axiak.

Illi jirrizulta li l-konvenuti l-ohra Maria Assunta Borg u Rita Galea ddikjaraw sa mill-bidu li 'qatt ma kellhom oggezzjoni li jigi pubblikat dan il-kuntratt ghar-rigward il-proprjeta' indikata fl-imsemmi konvenju u difatti attendew ghand in-Nutar Christian Zammit fid-data li kienet giet indikata lilhom sabiex jigi pubblikat dan il-kuntratt sewwa sew kif ikkonferma l-istess rikorrent f'paragrafu sitta (6) tar-rikors guramentat u ghalhekk m'ghandhomx ibatu spejjez tal-kawza' u ghalhekk din il-Qorti ma tqisx li jkun gust li huma jbaghtu xi spejjez ta' dawn il-proceduri.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, din il-Qorti, ghar-ragunijiet suesposti filwaqt li tiddikjara l-mertu tal-kawza ezawrit, tiddeciedi l-kap tal-ispejjez billi tiddikjara li l-ispejjez kollha tal-partijiet ghandhom ikunu a karigu esklussiv tal-konvenuti Joseph u Emanuel Axiak.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------